# Il-Familja Frattarija

## u d-dar li tagħtas

Kari Smeland

addattat għall-Malti minn

Simone Inguanez

illustrazzjonijiet ta'

Francesca Grech

merlin

© Det Norske Samlaget 2012
It-test oriġinali ta' Kari Smeland, *Familien Kråkestup og nyset i nabohuset*
ippubblikat għall-ewwel darba bin-Norveġiż fl-2012 minn
Det Norske Samlaget, Oslo, in-Norveġja

Din l-ewwel edizzjoni bil-Malti © Merlin Publishers Ltd 2020
ippubblikata bi ftehim ma' Hagen Agency, Oslo, in-Norveġja

Din l-edizzjoni bil-Malti ġiet ippubblikata bl-għajnuna finanzjarja ta' NORLA

NORLA
NORWEGIAN LITERATURE ABROAD

L-addattament għall-Malti © Simone Inguanez 2020
Dan l-addattament sar tramite l-edizzjoni Franċiża, *La Familie Charivari et la maison qui éternuait*, ippubblikata minn Bayard éditions, 2018 u addattata min-Norveġiż minn Aude Pasquier

L-illustrazzjonijiet ta' ġewwa u tal-qoxra © Francesca Grech 2020

Pubblikazzjoni Merlin Publishers Ltd
42, Triq Mountbatten, il-Blata l-Bajda
merlinpublishers.com

L-issettjar: Merlin
Stampat: Gutenberg Press, Ħal Tarxien

Il-qari tal-provi: Dwayne Ellul

ISBN: 978999091848-9

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma minn Merlin Publishers Ltd. Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla jew legatura oħra ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-pubblikaturi.

## Id-dar li darba kienet hienja

Fid-dinja, ħlejjaq ċkejkna kurżitajri ssib kemm trid. Biss biss, naf tnejn jgħixu f'gorboġ se jaqa' u ma jaqax.

Xiex?

X'int tgħid?

Int ukoll? Ħlejqa kurżitajra ħafna?

Tgħidlix li l-għaxqa tiegħek tiddeffes inkiss inkiss f'xi ġnien tan-nies, titmiegħek mal-ħitan tad-djar min jaf ta' min, tberraq mit-twieqi malli l-lejl jitfi kull teftufa?

Mela, 'k int ħlejqa ċkejkna kurżitajra, ma tridx wisq biex lejla waħda, f'riħ ivenven ta' Novembru, tilbes buz u inċirata u togħdos f'lejl ta' xita għasra. Taf ukoll tiltaqa' ma' dal-gorboġ se jaqa' u ma jaqax li qed ngħidlek. F'dak il-każ, b'xortik. La għalfejn

tixgħel televixin ma jkollok, lanqas tiftaħ ktieb. Ngħidlek, togħxa fit-tieqa żżebbeġ, sa ma l-lejla tgħaddi u x-xemx tistaħba, u jkun ilu li sar il-ħin biex int tmur torqod.

Għax f'dak il-gorboġ tgħix il-familja Frattarija.

Fil-familja Frattarija, it-tfal ilkoll tewmin.

"Pari biss nafu nagħmlu, aħna," tgħid is-Sinjura Frattarija lil kull min iżurhom, u wliedha jkunu jridu l-art tiblagħhom.

Jgħidulha:

"Biżżejjed, ma!"

Imma sewwa qed tgħid. L-ommijiet ma jigdbu qatt. Jew, għall-inqas, rari.

L-ewwel twieldu Fritz u Feo. Xi snin wara, ġew Arja u Aron. U mbagħad, Stella u Tizja.

Tista' tgħid kull flgħaxija, kif jimla żaqqu u l-mejda tkun xummiema, is-Sur Frattarija jgħaddas rasu f'enċiklopedija tal-ornitoloġija. Għandu sa kolonja għasafar tiegħu, jgħixu fuq xi friegħi taħt is-saqaf tas-salott. Kif jiftaħ il-famuż ktieb, arahom, moħħhom fih, għajnhom mimlija li fi ktieb sħiħ mank għasfur wieħed isbaħ minnhom. Is-Sinjura Frattarija toħroġlok l-akkordjin u,



hemm hi, iddoqq melodiji ħierġa minn widnejhom. Fritz erħilu jiżfen fuq iċ-ċangaturi talinjam. Feo jgħaddas rasu fix-xogħol tad-dar. Aron jibbużullottja bil-ballun, u ommu msarinha f'saqajha li ma jmurx itajjar il-važun tal-kina li wirtet mingħand nannitha r-Russa. Arja taqbad il-vjolin u tipprova ddoqq l-istess melodija bħal ommha. Mhux li jirnexxilha. X'jimporta? U, f'rokna fis-salott, għall-kwiet, jintasab iz-ziju Viktor. Millbut joħroġ pipa u, f'kemm ili ngħidlek, sħaba duħħan u jgħosfor. Ħadd ma jintebaħ li Stella u Tizja jiżgiċċaw.

Stella l-ħabiba tal-qalb ta' Tizja, u Tizja l-ħabiba tal-qalb ta' Stella, sa mit-tnissil f'ġuf ommhom. Tgħoddhom il-ħbieb tal-qalb li jistgħu jgħidu dan.

Huma l-iżgħar, l-iċken u l-eħfef membri tal-familja Frattarija. Għalhekk, forsi, il-ħabta l'għandhom ilebbtu 'l barra malli l-lejl iżarma l-ġurnata. Kif kulħadd jedha fid-dinja ċkejkna tiegħu, Stella u Tizja jħarsu lejn xulxin u jagħmlu sinjal b'rashom. Inkiss inkiss għall-intrata, jilbsu l-buz bla ħoss, jiftħu l-bieb u jgħibu fid-dlam tallejl.

Maġenb il-gorboġ ċkejken se jaqa' u ma jaqax, hemm dar oħra. Imdejqa, tidher. Għandha xebgħa kmamar, salott daqsiex donnu ballu, kantina mudlama daqs il-mewt, raff rieżaħ daqs lejl xitwi. Meta kienet żgħira u fuq tagħha, did-dar kienet tfur bid-daħq u r-riġlejn ċkejkna jiġġerrew mal-art. Fil-kċina, riħa taqsam ta' ħobż jew torti tat-tuffieħ ħierġa dritt mill-forn. Fis-salott maestuż, daqq tal-pjanu u l-għana tal-għasafar ġej mit-twieqi beraħ. Imma issa dan tant ilu li d-dar bilkemm tiftakar. M'għadx hemm riġlejn ċkejkna jiġġerrew mal-art, ebda riħa taqsam ta' torti tat-tuffieħ ħierġa dritt mill-forn, u l-pjanu tant ilu ma jinfetaħ li ma jaf ħadd x'se jsib hemm ġew.

Żewġt idjar biss ma tmeżmżux joqogħdu fit-triq id-dejqa ta' dix-xaqliba tal-Muntanja. L-oħrajn ma ridux jafu. Ippreferew jinbnew fil-belt, fix-xaqliba t-tajba tal-Muntanja. Hemm, ix-xemx tiddi dejjem, il-veduta ġmielha, ħwienet ħanut ħdejn l-ieħor u d-djar ma jħossuhom qatt waħedhom. Billi ta' maġenbhom ilha vojta s-snin, tistenna li wieħed iħossu minsi fid-dar tal-familja Frattarija. Imma, b'xorti tajba, tbaqbaq bil-ħajja minn

tlugħ ix-xemx sa nżulha, id-dar. Bażar imlewwen, kakofonija sħiħa ma taqtax. Kif qatt ħadd fiha jista' jħossu minsi?

Tista' tgħid kull flgħaxija, Stella u Tizja jmorru sal-arbuxxelli, mnejn jistgħu jgħarrxu lejn id-dar il-kbira ta' maġenbhom. Mifnija, tidher. Anki jekk 'il Stella u Tizja ma qaltilhom qatt kemm tixba', huma ċerti, itiha li twerżaq bid-dwejjaq, minn kull tavla u minn kull musmar. M'għandniex xi ngħidu, kieku d-djar setgħu jwerżqu.

Ħafna drabi, huma u jiflu d-dar il-vojta mit-twieqi, Stella tgħidilha 'l Tizja (jew Tizja 'l Stella):

"Noqgħod naħseb ... fid-dar ċkejkna tagħna qegħdin tant nies, imbagħad fil-kbira ma jgħix ħadd!"

Imma llejla, li hi—tista' tgħid—bħal kull lejla, Tizja tgedwed:

"Hemm xi ħadd hemm ġew."

U Stella tirrepeti:

"Hemm xi ħadd hemm ġew."

Għall-ewwel darba, jaraw dell jitħarrek fid-dar ta' ħdejhom. Purtiera tmewweġ. Dawl baxx jinxtegħel f'kamra minnhom.

Mhux li Stella u Tizja qatt jixbgħu għassa, fuq il-ħaxix, imgeżwra sew fid-dalma. Imma, daqs illejla, ma ħassew qatt friefet fl-istonku. Xi tferfir!

Id-dell jaqsam bil-lajma l-kamra jitbandal bħal dgħajsa fuq il-baħar. Jersaq lejn it-tieqa. Stella u Tizja, ikollhom jgħidu, qed jarawh jikber u jikber. Ma jistax ikun li din ħlejqa umana normali. Le, żgur xi ġgant, troll jew mostru!

Għandek idea kemm jista' jikber dell?

Ħa ngħidlek. Kun af li dell jista' jikber tant li l-ħlejjaq ċkejkna kurżitajri jinsew jitkellmu, jinsew iteptpu għajnejhom, jinsew anki jieħdu nifs.

Dell jista' jkun tant kbir li żewġ ħlejqiet ċkejkna kurżitajri moħbija f'arbuxxell jisgħobbihom li mhumiex moħbija f'ieħor minflok ħa jittawlu minn purtieri differenti sew.

Lanqas għax tiftaħ ħalqek meta tkun qed tibża' ma jkollok, meta tkun ilek ħbieb tal-qalb daqs Stella u Tizja. Dawn l-affarijiet tkun tafhom. Ħarsa fl-għajnejn żoroq tewmija ta' xulxin biżżejjed.

Inqas minn sekonda wara, żewġ pari bwiez, wieħed iġorr 'il Stella u l-ieħor 'il Tizja, jispuntaw

mill-arbuxxell, jaqsmu l-ġnien u jerġgħu lura fis-salott tal-familja Frattarija, fejn l-atmosfera hi sigura u tilqgħak bħal kull flgħaxija.